**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Tiziana Salerno

vs

MRCD Ltd

CCT65/20/MS

9 ta' Dicembru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Mejju 2020 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €154.00, rapprezentanti madum zejjed mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema madum inxtara bil- ftehim li kwalunkwe oggett zejjed jista' jigi ritornat.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li cahdet it-talba tar-rikorrenti bhala infondata peress illi skond il-kundizzjonijiet tal-istess bejgh, kien hemm restrizzjonijiet imposti li ma gewx segwiti mir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-sena 2019, ir-rikorrenti u l-partner taghha marru ghand is-socjeta' intimata biex jixtru madum. L-ghazla kienet bejn zewg tipi ta' madum - tip wiehed kien in stock, u l-iehor ma kienx u ghalhekk ghazlu l-ewwel wiehed, peress illi l-impjegata, certa Susanne, qaltilhom illi jistghu jiehdu lura l-madum zejjed u jiehdu rifuzjoni tal-flus. Ir-rikorrenti tat il-qisien lil impjegata li haddmet kollox hi. Xi xahrejn wara li poggew il-madum kien ghad fadal hdax - il kaxxa u wahda imkissra u xtaqu jirritornawhom. Meta cemplu, l-impjegata qaltilhom li ha ticcekkja mal-istore u tkellimhom lura izda baqghu bla risposta. Wara ftit saru jafu li s-socjeta' ma kenitx ser tiehu l-madum lura ghaliex ma kienx fadal madum bhalu. Ir-rikorrenti nefqet mat-tlett elef jew iktar u kienet anke interresata biex tixtri kamra tal-banju.

Xehed ukoll Bernard Cachia, direttur tal-kumpanija li spjega li ma setghux jaccettaw il-prodott lura ghaliex ma kienx fadal madum bhalu fl-istore, pero' kien lest li jirrifondilha s-somma ghal kaxxa imkissra.

Ikkunsidra

Illi f'dawn il-proceduri r-rikorrenti qieghda titlob il-rifuzjoni ta' €154.00 prezz ta' madum mixtri minghand is-socjeta' intimata, liema madum xtaqet tirritornah u dan skond ftehim verbali li sar meta sar il-bejgh, liema ftehim kien il-kagun principali ghaliex ghazlet li tixtrih. Min-naha l-ohra s-socjeta' intimata qieghda tistrieh fuq klawzola fl-ordni in kwistjoni, liema klawzola tghid li *"Returns of tiles are accepted only subject to availability in same tonality and calibre within one month from purchase in original sealed boxes."* Is-socjeta' attrici qieghda tikkontendi illi gialdarba ma kienx baqa' madum u dan kien '*sold out*', ma setghetx taccetta li l-madum jigi ritornat.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal ma jistax ma jikkumentax illi meta si tratta ta' bejgh ta' iktar minn tlett elef Euro li jidher illi nefqet ir-rikorrenti, li targumenta fuq ammont minimu u titlef klijent tajjeb huwa xi haga li dan it-Tribunal ma jistax jifhem. Zgur li dan ma jaghmilx sens kummercjali meta r-rikorrenti kienet ukoll wriet l-intenzjoni li tixtri kamra tal-banju minghand is-socjeta' intimata. It-Tribunal m'ghandux dubju illi d-decizjoni tar-rikorrenti li tixtri l-madum kien propju ghaliex giet assigurata illi setghet tirritornah u ghalhekk kien fattur determinanti fil-bejgh.
Issa ghalkemm id-direttur tal-kumpanija esebixxa order form fejn hemm indikat car il-klwazola kwotat iktar 'il fuq, jidher pero' illi din il-klawzola tispicca hekk: "I am signing after I read the conditions overleaf" Il-firma tar-rikorrenti ma tidhirx.

Illi Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta huwa intiz li jhares il-konsumatur minn prattici kummercjali li ma jkunux gusti. L-artiklu 51D jipprovdi illi meta taghrif importanti ma tinghatax lill-konsumatur u tikkawza lill-konsumatur li jiehu decizjoni li ma kienx jiehu f'cirkostanzi ohra, dan mhuwiex gust, anzi huwa qarrieqa. It-Tribunal jemmen illi mhux talli din il-klawzola ma gietx a konjizzjoni tar-rikorrenti qabel ma sar il-bejgh, talli lanqas biss qalulha li hi kienet ser tixtri l-istock kollu. Dak il-hin misshom gibdulha l-attenzjoni ta' din il-klawzola, u mhux jassigurawha illi setghet tbiddilhom jekk riedet, biex imbaghad jistriehu fuq klawzola li kjarament ma kenitx taf bih.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' intimata thallasa s-somma ta' €154.00. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata li jkollha dritt li tiehu lura l-madum zejjed in kwistjoni wara li jsir id-debitu hlas.

Michela Spiteri Av.
Arbitru